# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-31 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawza Numru: 21**

**Rik. Gur. 599/2016 RGM**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C 2833)**

**vs.**

1. **Darren David Borg (K.I. 22092M)**
2. **Maria Attard (K.I. 34275M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors mahluf ta' Johanna Bartolo (K.I. numru 125969M ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta attrici Bank of Valletta p.l.c.** prezentat fl-20 ta' Lulju, 2016 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 22 ta' Marzu 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion (Dok. "A" u "B") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Darren David Borg u Maria Attard .

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Darren David Borg u Maria Attard fis-somma ta' mija u erbgha u erbghin elf u erbghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€144,040.34) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Darren David Borg u Maria Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C4" u Dok. "D") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta' Frar 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament billi Darren David Borg u Maria Attard

   (a) naqsu milli ihallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Darren David Borg u Maria Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti Darren David Borg u Maria Attard gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Marzu 2014, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'E', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konventui ghaliex m'Ghandhiex

Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok "A" u Dok. "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Darren David Borg u Maria Attard Balzan (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Darren David Borg u Maria Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u

2. Tikkundanna lil Darren David Borg u Maria Attard ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u erbgha u erbghin elf u erbghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€144,040.34) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Darren David Borg u Maria Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C4" u Dok. "D") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta' Frar 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament.

3. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Marzu 2014 (Dok. "E") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta guramentata ta' Maria Attard** prezentata fit-3 ta' Novembru, 2016 fejn jinghad kif gej:

1. Illi l-esponenti permezz ta' rikors mahluf giet interpellata sabiex flimkien mal-konvenut Darren David Borg thallas is-somma ta' mija u erbgha u erbghin elf u erbghin Ewro u erbgha u tletin centezmu

(€144,040.34) bilanc ghad-debitu fil-*Loan and Overdraft Accounts* fl-ismijiet tal-konvenut u l-esponenti, mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta' Frar, 2016 sad-data tal-effettiv pagament;

2. Illi l-esponenti giet mitluba taghmel dan peress li hija flimkien mal-konvenut kienet iffirmat kuntratt ta' self u overdraft fl-atti tan-Nutar Dr. Malcom Mangion datat **tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007**);

3. Ili l-unika raguni ghaliex l-esponenti iffirmat dana l-kuntratt kien ghaliex hija dak iz-zmien kienet mizzewga lil konvenut Darren David Borg;

4. Illi madankollu l-esponenti qatt ma kienet involuta fin-negozju jew fil-proprjeta` tal-konvenut Darren David Borg;

5. Illi infatti fil-kuntratt tas-separazzjoni ippubblikata fl-atti tan-Nutar Dr. Dorianne Arapa datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) fi klawsola 1(10) ta' dana l-kuntratt hemm indikat ukku '*Il-partijiet jiddikjaraw li hem dejn dovut minnhom flimkien lill-Bank of Valletta p.l.c. ammontanti ghal circa erbghin elf ewro (€40,000). Il-partijiet qeghdin bis-sahha tal-prezenti att jaqblu li dan id-dejn qed jigi assunt mir-ragel esklussivament, u l-mara ghalhekk ma jkollha ebda responsabbilita` ghar-rifuzzjoni ta' dan id-dejn tkun tispetta ghal kollox lir-ragel.'* ***(Dok A).***

6. Illi ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti titlob li tali azzjoni ghandha tigi diretta esklussivament kontra zewgha u li huwa ghandu jbaghti l-ispejjes.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-provi mressqa.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Il-konvenuta Maria Attard taccetta illi hija iffirmat flimkien mal-konvenut l-iehor zewg kuntratti li permezz taghhom il-bank attur tahom facilitajiet bankarji. Teccepixxi illi hija m'ghandiex tinstab responsabbli ghall-hlas lill-bank attur tal-facilitajiet bankarji imsemmija fl-ewwel lok ghaliex issostni illi hija iffirmat semplicement ghaliex fiz-zmien li gew iffirmati il-kuntratti de quo hija kienet mart il-konvenut Darren David Borg u fit-tieni lok teccepixxi illi m'ghandiex tinstab responsabbli ghall-hlas ta' dan id-dejn peress illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li gie ppubblikat fil-25 ta' Mejju 2012 iz-zewg konvenuti iddikjaraw illi "...jaqblu li dan id-dejn qed jigi assunt mir-ragel esklussivament u l-mara ghalhekk ma jkollha l-ebda responsabbilta' ghar-rifuzzjoni ta' dan id-dejn lill-Bank of Valletta plc u tali responsabbilta' ghar-rifuzzjoni ta' dan id-dejn tkun tispetta ghal kollox lir-ragel".

Huwa mill-ewwel evidenti illi z-zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta Attard ma humiex fondati. L-eccezzjoni illi hija iffirmat il-kuntratti ta' self ghaliex kienet mart il-konvenut Borg ma tezonerax lill-konvenuta mill-obbligi kontrattwali taghha naxxenti mill-imsemmija zewg kuntratti pubblici.

Dwar dak li ftehmu l-konvenuti fil-kuntratt tas-separazzjoni taghhom tal-25 ta' Mejju 2012, li fih il-bank ma kienx parti, jibqa' ghall-bank attur 'inter alios acta'. Tajjeb jigi osservat illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni il-konvenuti iddikjaraw is-segwenti:

"Il-partijiet jiddikjaraw li gew imwissija dwar il-portata tal-fatt li d-dejn imsemmi ser jibqa' legalment dovut miz-zewg konjugi ghall-Bank kreditur, stante li ma humiex ser isiru proceduri biex il-mara tigi liberata minn dan id-dejn minn mal-Bank kreditur, pero' jiddikjaraw li xorta wahda jaghzlu li jipprocedu bil-pubblikazzjoni ta' dana l-atti."

Dak appena citat mill-kuntratt tas-separazzjoni tal-konvenuti huwa bizzejjed sabiex juri kemm l-eccezzjoni tal-konvenuta Attard m'ghandha l-ebda fondament u qed tigi wkoll respinta.

L-ammont reklamat mill-bank attur ma hux ikkontestat bhalma ma hux ikkontestat il-premessa illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu l-pagamenti mensili kif stipulat fil-kuntratt bil-konsegwenza li l-konvenuti tilfu l-beneficcju tat-terminu u l-bank attur ghandu d-dritt jipprocedi sabiex jirkupra l-ammont kollu dovut. Dan wassal ghal bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Darren David Borg u Maria Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza u l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Attard billi fil-kontumacja tal-konvenut Darren David Borg, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Attard u tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tilqa' l-ewwel talba, tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija inkluz li l-konvenuti Darren David Borg u Maria Attard Balzan naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' attrici kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u li kien hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Darren David Borg u Maria Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u

2. Tilqa' t-tieni talba, tikkundanna lill-konvenuti Darren David Borg u Maria Attard ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta’ mija u erbgha u erbghin elf u erbghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€144,040.34) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta’ Darren David Borg u Maria Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta’ Frar 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 4 ta’ Marzu 2014 u tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment mal-kawza kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**